**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **664/2022**

**JACQUELINE CIANGURA NEE CAMILLERI (KI 327868M)**

**VS**

**CHRISTOPHER CAMILLERI (KI 161970M) U**
**ELEANOR CAMILLERI (KI 189971M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, għaxra (10) ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-assi ereditarji tal-konjuġi Sebastiana u Alfred Camilleri.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2022, **<u>Jacqueline Ciangura</u>** ippremettiet:

a. *Illi fis-sebgħa (7) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) mietet omm il-partijiet Sebastiana sive Bessie Camilleri nee Farrugia, mietet ab intestata fil-Floriana, kienet imwielda f'Ħal Qormi fit-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tletin (1937) u kienet residenti Ħal Qormi u kellha numru tal-karta tal-identita' bin-numru 555937M; ċertifikat tal-mewt anness **Dokument A**;*

b. *Qiegħdin jiġu preżentati ċertifikati mmarkati bħala Dokument B (riċerki testmentarji għal testmenti sigrieti fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili ta' Malta u fil-Qorti t'Għawdex u Dokument C testmenti pubbliċi fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u ta' Għawdex, jirriżulta li Bastjana Camilleri mietet mingħajr testment u għalhekk it-tlett (3) itfal tagħha u cioe Eleanor Camilleri, Christopher Camilleri u Jacqueline Ciangura wirtuha;*

c. *Illi l-esponenti qiegħda tippreżenta estratt mill-causa mortis tad-defunta omm il-partijiet b'riserva li tippreżenta s-sħiħ. Kopja hawn annessa bħala **Dokument D** li fiha ġie dikjarat illi l-unika ass li kellha d-defunta kien nofs id-dar bl-isem b'garage magħha bl-isem "Raisa" fi Triq l-Għoxrin ta' Jannar Ħal Qormi; u sussegwentement saret ukoll emmenda ta' din il-kawża mortis, kopja annessa **Dokument E**;*

d. *Illi fit-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) miet fl-Imsida missier il-partijiet Alfred Camilleri, pensjonant armel ta' Sebastiana Camilleri nee Farrugia, bin Andrew Camilleri u Maria Camilleri nee Pulis, imwieled Ħal Qormi fit-18 ta' Awissu 1938 u kien residenti Ħal Qormi karta tal-identita' numru 606538M; kopja taċ-ċertifikat tal-mewt anness **Dokument F**;*

e. *Illi kif jidher mill-annessi żewġ ċertifikati mmarkati **Dokument G** (riċerki testamentarji għal testmenti sigrieti fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili ta' Malta u fil-Qorti t'Għawdex u **Dokument H** riċerki għal testmenti pubbliċi fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u ta' Għawdex, jirriżulta li Alfred Camilleri miet b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Agius fis-sitta (6) ta'*

*Marzu tas-sena elfejn (2000) fejn fost disposizzjonijiet oħra nnomina bħala l-eredi universali tiegħu li-tliet (3) itfal tiegħu Eleanor Camilleri, Christopher Camilleri u Jacqueline Ciangura;*

f. *Illi l-esponenti qiegħda tippreżenta l-causa mortis ta' Alfred Camilleri annessa **Dokument I**;*

g. *Illi sa fejn taf l-esponenti, l-imsemmi Alfred Camilleri kellu bħala proprjeta' immobbli: Id-dar bin-numru sebgħa u ħamsin (57) bl-isem Raisa fi Triq il-Għoxrin (20) ta' Jannar, Ħal Qormi, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;*

h. *Illi l-imsemmi Alfred Camilleri kellu diversi proprjeta' mobbli kif ser jiġi trattat waqt il-kawża odjerna, li kienu ġew akkwistati waqt iż-żwieġ mad-defunta Sebastiana Camilleri u uħud wara l-mewt tagħha;*

i. *Illi fost il-mobbli appartenenti lid-defunti kien hemm is-segwenti:*

   i. *Kellu vettura tal-għamla Fiat 500 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBT tmienja, tmienja, erbgħa (8, 8, 4);*
   ii. *Deheb varju;*
   iii. *L-arloġġ Longines tal-irġiel; u arloġġi oħrajn kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
   iv. *L-għamara inkluż il-linef u cioe l-mobbli ta' ġod-dar bin-numru sebgħa u ħamsin (57) bl-isem Raisa, fi Triq l-Għoxrin (20) ta' Jannar, Ħal Qormi, inkluż l-arloġġ li diġa jinsab fil-pussess tal-konvenuta Eleanor Camilleri;*
   v. *Flejjes varji li kienu jeżistu fil-ħajja tad-defunt u anki li l-konvenuti qabdu u kkapparraw f'ħajjithom;*
   vi. *Diversi ishma f'kumpaniji;*
   vii. *Mobbli oħra li jistgħu jirriżultaw waqt it-tratazzjoni tal-kawża;*

j. *Illi l-esponenti xtaqet u ppruvat tasal għal kompromess fir-rigward tal-amministrazzjoni u l-qasma tal-mobbli u immobbli li hi u ħutha għandhom flimkien bħala ko-proprjetarji u saħansitra interpellathom*

*permezz ta' ittra uffiċjali iżda dan baqa' ma sarx minħabba l-inadempjenza ta' ħutha, u dana oltre l-fatt li huma qabdu u bdew jikkapparraw partijiet mill-wirt u jaħbu mill-esponenti u jgawdu l-frott tal-wirt a skapitu tagħha;*

k. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia eżistenti bejn il-miżżewġin konjuġi Sebastiana u Alfred Ciangura* [recte: Camilleri] *billi tiġi dikjarata li tikkonsisti f'dawk il-beni u assi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

ii. *Tillikwida l-assi partikolari tal-konjuġi Sebastiana u Alfred Ciangura u taqsam dawk l-assi li hekk jirriżultaw mit-trattazzjoni tal-kawża skont il-liġi u/jew sabiex tirrifletti x-xewqat tat-testaturi taqsam dawn l-assi skond l-istess bejn il-partijiet;*

iii. *Tassenja lil kull parti dak is-sehem lilu dovut skont il-liġi;*

iv. *Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' l-immobbli li jirriżultaw li m'humiex komodament diviżibbli, jekk dan ikun neċessarju u opportun għall-istess diviżjoni;*

v. *Tordna li l-ġid formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-konjuġi Ciangura li huma komodament diviżibbli jinqasam skont il-liġi fi tlett (3) porzjonijiet wieħed lil kull parti sabiex tkun tista' titla' polza bejn il-partijiet tal-imsemmija porzjonijiet;*

vi. *Taħtar lin-Nutar Luke Caruana sabiex itella' l-polza permezz ta' liema kull parti tiġi assenjata sehem u jgħaddi sabiex jippubblika l-att relattiv fir-rigward ta' porzjonijiet imsemmija u l-assenjazzjoni tagħhom f'data skont l-ordni li tista' tagħti din l-Onorabbli Qorti, u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt u għal dak kollu li hemm bżonn li jsir in konnessjoni mad-diviżjoni li hi mertu tal-kawża;*

vii. *Tinnomina lin-Nutar Luke Caruana sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni, u kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;.*

viii. *Taħtar kuratur sabiex jidher fuq l-evenwtali contumacia;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;*

4. Permezz ta' digriet mogħti fit-tlieta u għoxrin (23) t'Awwissu 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2022, l-intimati **Christopher Camilleri et** eċċepew:

   1. *Preliminarjament*

      *Illi preliminarjament isem l-intimata Eleanor Camilleri huwa proprjament Eleonora Camilleri u n-numru tal-karta tal-identita taghha huwa ID 189972M u mhux 189971M kif iddikjarat fir-rikors guramentat u ghalhekk l-esponenti jitolbu korrezzjoni fl-okkju f'dan is-sens.*

      *Illi preliminarjament ukoll fit-talbiet tar-rikors guramentat l-isem Alfred Ciangura jrid jigi sostitwit bl-isem Alfred Camilleri kull fejn jinstab, u ghalhekk l-esponenti jitolbu l-korrezzjoni f'dan is-sens.*

   2. *Dwar il-mertu*

      *(i) Illi dwar din il-kawza jigi rilevat li l-esponenti dejjem riedu li l-qasma ssir bil-kwiet minghajr htiega ta' proceduri bil-Qorti u kienet l-attrici li kienet intransigenti u baqghet tinsisti li hija tihallas is-somma ta'*

*Ewro 600,000 bhala sehemha mil-wirt tal-genituri taghha. Dan kien ifisser ferm aktar mit-terz ta' dan il-wirt li hija wirtet u ghalhekk l-esponenti ma accettawx it-talba taghha.*

(ii) *Dwar Para 1 sa Para 7 – l-esponenti ma ghandhomx x'kummenti x'jaghmlu.*

(iii) *Dwar Para 8 – l-esponenti ma ghandhomx oggezzjoni pero ma jafux xi xtara missierhom wara li mietet ommhom.*

(iv) *Dwar Para 9 –*

a. *il-vettura naqblu u l-esponenti kienu gabu stima u ghaddewha lill-attrici Dok A;*

b. *d-deheb diga sar lista u stima tieghu u ghaddewha lill-attrici kopja annessa Dok B;*

c. *arlogg longines iva kellu l-missier u arloggi ohra wkoll;*

d. *l-mobbli ta' god-dar numru 37 Raisa Triq l-ghoxrin (20) ta' Jannar Hal Qormi naqblu pero l-arlogg li jinsab diga fil-pussess tal-konvenuta Eleonora Camilleri dan kien donazzjoni minn missierha Alfred Camilleri lill-istess Eleonora Camilleri li kienet tghix mieghu; dwar flus hadd mill-intimati ma qatt ha ebda flus u waqt hajjithom missierhom kemm lilhom u kemm lill-attrici kien jaghtihom flus bhala rigal kif taf l-istess attrici. L-esponenti Eleanora Camilleri kienet inghatat b'donazzjoni xi ghamara li kellha omm missierha n-nanna u dan sar bil-kunsens ta' missierha u ta' hutu;*

e. *dwar flejjes li l-attrici qed tikkontendi li kellu missierhom jinghad li l-attrici wkoll minn dejjem kellha c-cavetta tad-dar fejn kien jghix missierhom u l-esponenti wara li miet*

*missierhom qatt ma fittxew jew raw flus id-dar. Anzi l-attrici kienet u ghadha tidhol id-dar u tfittex halli tara x'ser issib. Il-flus li ircevew l-esponenti kienet donazzjonijiet minghand missierhom f'hajtu, l-istess kif irceviet l-attrici.*

*f. dwar ishma f'kumpaniji missierhom kien shareholder f'kumpanija wahda tal-familja Camilleri Brothers Limited l-esponenti jirrimettu ruhhom stante li ghadhom sal-lum ma hadux konjizzjoni tal-istatut ta' din il-kumpanija.*

*g. dwar mobbli ohra li jirrizultaw, l-esponenti jirrimettu ruhhom.*

*(v) Re Para 10: l-esponenti jichdu bil-qawwa kollha li l-qasma ma saritx minhabba intransigenza taghhom; anzi kienet l-attrici li l-ewwel ippretendiet li hija tinghata s-somma ta' Ewro 600,000 ta' sehemha mil-wirt ta' missierha u dan kif jirrizulta mill-email taghha tal-25 ta' April 2022 u wara bidlet it-talba u ppretendiet li l-vettura tigi assenjata lilha, d-deheb jigi assenjat lilha; l-arlogg Longines jigi assenjat lilha; l-ghamara kollha inkluz il-linef ta' god-dar li tinsab numru 57 Raisa Triq l-Ghoxrin (20) ta' Jannar Hal Qormi inkluz l-arlogg li kien ta lil esponenti Eleonara Camilleri jigu assenjati lill-attrici u lil intimat Christopher Camilleri; u dwar id-dar il-partijiet kienu kollha qablu li ghandha valur ta' Ewro 900,000 izda gara li meta l-intimati infurmawha li huma xtaqu jixtru s-sehem taghha hija tellghet l-valur tad-dar ghal 1.2 miljun ewro.*

*Illi ghalhekk kienet l-attrici li ma riedetx li kollox jinqasam bil-kwiet.*

*(vi) Illi flus il-bank li kellhom il-genituri tal-partijiet diga inqasmu bejn it-tlett partijiet konguntivament.*

*(vii) Li l-vettura ghandha multi x'jithallsu stante li l-attrici ma tatx il-kunsens taghha sabiex din il-vettura tinbiegh jew tigi ggaraxxjata.*

*(viii) Li l-fond numru 57 Raisa Triq l-ghoxrin ta' Jannar Hal Qormi hemm kont tal-Arms u l-intimata Eleonora Camilleri harget minn dan il-fond fil-31 ta' Jannar 2021 u l-kont sakemm telqet mid-dar dejjem halsitu; minn dan inhar il quddiem l-partijiet ma halsu ebda kont tal-arms u meta ghaddew kopja tal-kont lill-attrici biex thallas sehemha ta' dan il-kont l-esponenti baqghu sal-lum ma ircevew ebda risposta.*

*L-esponenti qed jipprezentaw l-istima tal-vettura u l-istima tad-deheb li kien hemm ghand missierhom u li l-istima saret fil-hanut Ave Maria ta' Triq it-Tezor Valletta Dok A u Dok B.*

*Li d-deheb tal-mama tal-partijiet l-esponenti ilhom ma jarawh snin u l-ahhar li ratu l-esponenti Eleonora Camilleri kien aktar minn sitt snin ilu meta missierha kien qallha biex iggib id-deheb ta' ommha li kienet izzomm fil-kamra li kellha l-attrici qabel izzewget ghax qallha li ried jaghtih l-attrici. Minn dakinhar hija ma tafx x'sar minnu u jekk ghadux f'din il-kamra hija ma ccekkjatx.*

3. *Dwar it-talbiet attrici*

*Dwar it-tmien talbiet attrici, l-esponenti jirrimettu ruhhom ghal gudizzju izda ghar-raba talba cioe ghal bejgh tal-fond b'licitazzjoni huma jopponu ghal din it-talba stante li l-esponenti jixtiequ li huma jixtru sehem l-attrici mil-fond li jinsab 57 Raisa Triq l-Ghoxrin ta' Jannar Hal Qormi; u kemm il darba din l-Onorabbli Qorti ma taccettax dan, l-esponenti jikkontendu li t-talba ghll-bejgh ta' dan il-fond b'licitazzjoni ghandha ssir fid-dawl tal-artikolu 515 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Jacqueline Ciangura u d-dokumenti annessi miegħu;

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Christopher Camilleri et u d-dokumenti annessi miegħu;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-**HSBC Bank Malta plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022[1];

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Patrizia Salerno** in rappreżentanza tal-**APS Bank Malta plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022[2];

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo** in rappreżentanza tal-**BOV Bank plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022[3], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati bħala **Dok JB1 sa JB4**[4];

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Claudette Fenech** in rappreżentanza tal-**Malta Business Registry**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022[5], u rat id-dokumenti minna esebiti u kollettivament immarkati bħala **Dok CF1**[6];

---

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 46-47 tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 48-49 tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 50 *et seq* tal-proċess
[4] A fol 54 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 89 *et seq* tal-proċess
[6] A fol 93 *et seq* tal-proċess

12. Rat l-istima tal-**Perit Stephen Psaila**, esebita mir-rikorrenti, dwar il-valur tal-proprjeta' bin-numu 57, Triq l-20 ta' Jannar, Qormi, a fol 224 *et seq* tal-proċess;

13. **Rat illi, waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2023, il-partijiet qablu illi l-fond bin-numru 57, Triq l-20 ta' Jannar, Ħal Qormi għandu valur ta' 1.2 miljun Ewro;**

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Saviour Theuma** in rappreżentanza tad-**Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2023[7], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok ST1** (a fol 236-237 tal-proċess);

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Michael Schembri**, in rappreżentanza ta' **BUPA Insurance**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2023[8], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok MS1** (a fol 246 *et seq* tal-proċess);

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Shanaia Calleja**, in rappreżentanza ta' **Mapfre MSV Life plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2023[9], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok SC1** (a fol 258 *et seq* tal-proċess);

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **John Camilleri**, in rappreżentanza ta' **Camilleri Brothers Ltd**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2023[10], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok JC1 u JC2** (a fol 272 u 273 tal-proċess rispettivament);

18. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Debono**, in rappreżentanza tal-**Kummissarju tat-Taxxi**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tas-

[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 233 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 238 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 254 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 262 *et seq* tal-proċess

sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2023[11], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok JD1** (a fol 279 tal-proċess);

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stephen Cachia**, in rappreżentanza tal-**Awtorita' għat-Trasport**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu 2023[12], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok SC1** a fol 287 *et seq* tal-proċess;

20. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo**, in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu 2023[13], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok MD1 u Dok MD2** a fol 300 *et seq* tal-proċess;

21. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Shanaia Calleja**, in rappreżetanza tal-**Mapfre MSV Life plc**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu 2023[14], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok SC2 u SC3**, a fol 310 *et seq* tal-proċess;

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo**, in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-għoxrin (20) t'April 2023[15], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok AD1**, a fol 339-340 tal-proċess;

23. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Fleur Camilleri Caruana**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-għoxrin (20) t'April 2023[16];

24. Segħet ix-xhieda bil-ġurament tal-konvenut **Christopher Camilleri**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-għoxrin (20) t'April 2023[17];

25. Rat l-istima esebita mir-rikorrenti dwar il-vettura DBT 884, immarkata **Dok MP1** a fol 353 tal-proċess;

[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 274 *et seq* tal-proċess
[12] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 284 *et seq* tal-proċess
[13] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 295 *et seq* tal-proċess
[14] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 305 *et seq* tal-proċess
[15] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 336 *et seq* tal-proċess
[16] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 341 *et seq* tal-proċess
[17] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 347 *et seq* tal-proċess

26. Rat l-affidavit ta' **Pauline Ciangura**, immarkat **Dok MP2** a fol 354 tal-proċess;

27. Rat l-affidavit ta' **Carmel Ciangura**, immarkat **Dok MP3** a fol 355 tal-proċess;

28. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **John Camilleri**, riprodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Ġunju 2023[18];

29. Rat l-ittra esebita mir-rikorrenti u mmarkat **Dok MP1** a fol 370 tal-proċess;

30. **Rat illi, waqt is-seduta tat-tlieta (3) t'Ottubru 2023, il-partijiet informaw lill-Qorti illi l-fond mertu tal-kawża sabu l-bejgħ tiegħu u ffirmaw konvenju, illi fuqu l-fond ngħata valur ta' 1.2 miljun Ewro;**

31. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Jacqueline Ciangura**, immarkat **Dok JC1**, u d-dokumenti annessi miegħu, a fol 373 *et seq* tal-proċess;

32. **Rat in-nota konġuntiva tal-partijiet datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru 2023, a fol 414 tal-proċess, illi permezz tagħha qablu mal-prezzijiet tad-deheb kif indikat mal-istima annessa mal-istess nota, u illi d-deheb għandu jitpoġġa fi tliet porzjonijiet ta' valur indaqs u jittella' bejn l-aħwa bil-polza sabiex kull parti tiegħu sehem ta' terz (1/3) mill-imsemmi deheb. Mill-kumplament, filwaqt illi r-rikorrenti rriservat id-dritt tagħha fuq il-bqija tad-deheb u arloġġi mhux imsemmija fil-lista, il-konvenuti kkontendew illi l-lista tinkludi d-deheb kollu mertu tal-kawża;**

33. Rat l-affidavit ta' **James Ciangura**, u d-dokumenti annessi miegħu, immarkat bħala **Dok JCX** a fol 421 *et seq* tal-proċess;

34. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **John Camilleri**, riprodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar 2024[19], u rat id-dokument minnu

[18] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 360 *et seq* tal-proċess
[19] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 432 *et seq* tal-proċess

esebit u mmarkat **Dok X1**, a fol 437 tal-proċess, u **Dok X2** a fol 438 tal-proċess;

35. Rat l-ittra uffiċjali risponsiva datata l-ewwel (1) t'April 2022 għall-ittra uffiċjali datata għaxra (10) ta' Marzu 2022, esebita mill-konvenuti a fol 442 *et seq* tal-proċess;

36. Rat l-affidavits ta' **Eleanor Camilleri** immarkati **Dok EC(X)** a fol 450 *et seq* tal-proċess, u **Dok EC(Y)** a fol 495 *et seq* tal-proċess;

37. Rat l-affidavit ta' **Christopher Camilleri** a fol 520 tal-proċess;

38. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stephen Cachia**, in rappreżentanza tal-**Awtorita' Trasport Malta**, prodott mill-konvenuti waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024[20], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok SC1,** a fol 526-527 tal-proċess;

39. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Reuben Bonnici**, in rappreżentanza tal-**ARMS Limited**, prodott mill-konvenuti waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024[21], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok RB1 sa RB4**, a fol 532 *et seq* tal-proċess;

40. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo,** in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**, prodotta mill-konvenuti waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024[22], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok DDR1** a fol 546 tal-proċess;

41. Rat il-kopja taċ-ċekk esebita mill-konvenuti a fol 548 tal-proċess;

42. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrenti **Jacqueline Ciangura**, prodotta mill-konvenuti in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024[23];

[20] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 524 *et seq* tal-proċess
[21] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 528 *et seq* tal-proċess
[22] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 543 *et seq* tal-proċess
[23] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 549 *et seq* tal-proċess

43. Rat l-affidavit ta' **Fleur Maria Camilleri** a fol 563 *et seq* tal-proċess;

44. Rat in-nota tar-rikorrenti datata tmienja (8) t'April 2024 a fol 581 *et seq* tal-proċess;

45. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-konvenuta **Eleanor Camilleri**, prodotta mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) t'April 2024[24];

46. Rat in-nota tal-konvenuti illi permezz tagħha preżentaw stima ta' żewġ *preference shares* u *ordinary share* wieħed li baqa' x'jiġu diviżi fil-kumpanija Camilleri Brothers Limited, a fol 606 *et seq* tal-proċess;

47. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-konvenuta **Eleanor Camilleri**, riprodotta mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2024[25];

48. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-konvenut **Christopher Camilleri**, prodott mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2024[26];

49. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Fleur Camilleri**, prodotta mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2024[27];

50. Rat il-kuntratt datat tlieta (3) ta' Lulju 2024 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Anthea Sacco Mintoff, illi permezz tiegħu ġiet mibjugħa l-proprjeta' bin-numru 57, 'Raisa', Triq l-20 ta' Jannar, Ħal Qormi, esebit mir-rikorrenti a fol 631 *et seq* tal-proċess;

51. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-ewwel (1) t'Awwissu 2024 (a fol 658 *et seq* tal-proċess);

---

[24] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 587 *et seq* tal-proċess
[25] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 617 *et seq* tal-proċess
[26] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 621 *et seq* tal-proċess
[27] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 624 *et seq* tal-proċess

52. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata tletin (30) ta' Settembru 2024 (a fol 677 *et seq* tal-proċess);

53. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

54. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

55. Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrenti qiegħda titlob ili tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn Sebastiana u Alfred Camilleri, u l-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-assi illi jiffurmaw l-istess, f'dik illi hija *actio familiae erciscundae*;

56. Fl-ewwel lok jingħad illi huwa paċifiku illi Sebastiana Camilleri ġiet nieqsa fis-sebgħa (7) ta' Diċembru 1999, u peress illi mietet intestata, l-wirt tagħha ddevolva fuq it-tliet uliedha Eleanor Camilleri (konvenuta), Christopher Camilleri (konvenut), u Jacqueline Ciangura nee Camilleri (rikorrenti)[28] skont il-liġi. Mill-banda l-oħra, huwa paċifiku wkoll illi Alfred Camilleri ġie nieqes fit-tlettax (13) ta' Settembru 2020, u, skont testment pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Agius nhar is-sitta (6) ta' Marzu 2000, huwa nnomina bħala l-eredi universali tiegħu lill-istess tliet ulied, u cioe lil Eleanor Camilleri, Christopher Camilleri u Jacqueline Camilleri, fi kwoti ndaqs bejniethom[29];

57. Dwar il-prinċipji legali illi jiggwidaw azzjonijiet ta' din ix-xorta, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Maria Fenech pro et noe et vs Ġorġ Chircop pro et noe et***[30], fejn din il-Qorti kif diversement presjeduta għamlet sinteżi tal-punti legali relevanti:

[28] **Dok D** anness mar-rikors promotur, a fol 11 *et seq* tal-proċess
[29] **Dok I** anness mar-rikors promotur, a fol 19-20 tal-proċess
[30] Ċit Nru 646/1997/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 27 t'Ottubru 2011 (in ġudikat)

*Illi bħala kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, għandu jingħad minnufih li f'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt, li kienet tissejjaħ l-actio familiae erciscundae fid-Dritt Ruman, il-liġi* [Art 907 tal-Kap 16] *tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura* [Art 502 tal-Kap 16]*, (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur* [Art 504 tal-Kap 16] *u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs* [Art 510(1) tal-Kap 16]*;*

*Illi dwar il-kwestjoni ta' jekk il-ġid għandux jinqasam bix-xorti jew inkella b'assenjazzjoni (jew b'attribuzzjoni) jeħtieġ li jingħad li fejn l-ishma huma ndaqs, il-qasma ssir billi jittellgħu ix-xorti. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m'hijiex inflessibbli* [Fadda, *Commentario sulle Leggi Civili,* art 993-6]*, jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m'għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni* [Ara P.A. 30.7.1964 fil-kawża fl-ismijiet *Scicluna et vs Calleja et*]. *Jidher li din ir-regola tal-liġi m'hijiex fakoltativa imma tassativa* [P.A. 27.6.2003 fil-kawża fl-ismijiet *Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et*]*;*

*Illi madankollu l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-*

*għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat;*

58. Jiġi mfakkar ukoll, illi hekk kif stqarret il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Rose Falzon et vs Angela Scerri***[31]:

> *17. Kif korrettament sottomess mill-atturi, l-azzjoni odjerna bhal fil-kaz tal-actio communi dividendo hija wahda personali ezercitata minn xi hadd mill-eredi kontra l-eredi l-ohra, u l-gudizzju tal-Qorti ma jikkostitwix kundanna vera u proprja, imma pjuttost dikjarazzjoni tad-drittijiet li jispettaw lil eredi kollha, u li jigi rifless fl-assenjazzjoni tal-kwoti rispettivi. Bid-divizjoni ma jigux trasferiti drittijiet reali, ghax il-kontenut tal-assi ereditarju jkun diga` jappartjeni lill-eredi pro indivizo bejniethom, imma l-assi jigu materjalment assenjati skont is-sehem taghhom mill-wirt.*

59. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-fatti tal-każ odjern:

## A. <u>Il-Komunjoni tal-Akkwisti eżistenti bejn Sebastiana u Alfred Camilleri</u>

60. Jibda biex jingħad illi filwaqt illi ssemmew diversi assi bħala pertinenti lid-defunt Alfred Camilleri, ma nġabet ebda prova illi kien hemm xi assi illi kienu parafernali. Dan anke meta wieħed jikkonsidra illi r-rikorrenti stess, fir-rikors promotur, tgħid illi l-proprjeta' mobbli indikata bħala *"ta' Alfred Camilleri"*, ġiet akkwistata *"waqt iż-żwieġ mad-defunta Sebastiana Camilleri u uħud wara l-mewt tagħha"*[32], fatt illi ma ġiex kontestat mill-konvenuti[33]. Għaldaqstant, din il-Qorti tista' biss tippresumi illi l-assi kollha

---

[31] Ċit Nru 1/88, Qorti tal-Appell (Superjuri), 18 ta' Frar 2016
[32] Vide para 8
[33] Vide para 2(iii) tar-risposta

illi ġew indikati bħala formanti parti mill-massa ereditarja, ġew akkwistati wara ż-żwieġ tad-defunti konjuġi Camilleri, b'dana għalhekk illi jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn id-defunti konjuġi Camilleri.

## B. Il-Massa Ereditarja

61. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti tidentifika s-segwenti assi bħala dawk mifhuma illi jikkostitwixxu l-massa ereditarja:

**Immobbli**:

- Il-fond bin-numru sebgħa u ħamsin (57), *Raisa*, Triq l-20 ta' Jannar, Ħal Qormi;

**Mobbli**:

- Vettura tal-għamla Fiat 500 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBT 884;
- Deheb varju, inkluż numru t'arloġġi;
- L-għamara fil-fond suriferit;
- Flus;
- Polza t'assikurazzjoni illi minnha Alfred Camilleri kien benefiċjarju ta' 25%;
- Kirja perċepibbli fuq garaxx mikri lis-soċjeta' Cambros Limited;
- Ishma f'kumpanija.

## C. Diviżjoni u Assenjazzjoni

### i. Il-Fond bin-numru 57, Triq l-20 ta' Jannar, Ħal Qormi

62. Fil-mori tal-kawża, b'kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Anthea Sacco Mintoff nhar it-tlieta (3) ta' Lulju 2024, il-partijiet biegħu l-immobbli bin-numru 57, Triq l-20 ta' Jannar, Ħal Qormi, versu l-prezz ta' €1,200,000[34]. Filwaqt illi l-partijiet jaqblu illi l-fond inbiegħ fil-mori tal-proċeduri odjerni, u illi r-rikavat għandu jinqasam bejn it-tliet ulied fi kwoti ndaqs bejniethom, jidher illi m'hemmx qbil dwar il-kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma;

63. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ir-rikorrenti ssostni illi l-konvenuti għandhom jiġu ordnati jħallsu l-arretrati kollha tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li hemm fuq l-istess fond, u dan stante illi kienu l-konvenuti illi għamlu użu minn dan il-fond[35]. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti jgħidu fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom illi, meta nbiegħet id-dar, ir-rikorrenti rrifondiet lil oħtha konvenuta sehemha mill-ammont żejjed li r-rikorrenti kienet ħallset l-ARMS Ltd[36], b'dana illi l-arretrati kollha ġew saldati;

64. Din il-Qorti rat illi fil-kuntratt ta' bejgħ ġie dikjarat, *"7. The Vendors warrant and guarantee that any pending bills are fully paid to date and that there are no debts, hypothecs, privileges and/or charges in favour of third parties burdening the Property."*[37] <u>Din il-Qorti għalhekk tqis illi l-vertenzi rigward kwalsiasi arretrati ta' ħlasijiet għad-dawl u ilma fil-fond f'Ħal Qormi ġew sorvolati mal-bejgħ tal-fond, b'dana għalhekk illi m'hemmx djun f'dan is-sens illi għandhom jiġu assenjati lill-partijiet jew min minnhom</u>. Dan anke meta wieħed iqis illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, għajr sentenza in ġenerali, ir-rikorrenti ma tagħmel l-ebda referenza oħra għal dawn il-arretrati, u lanqas tindika xi somma illi għadha pendenti;

65. <u>Għal kull buon fini u għall-fini ta' kjarezza, din il-Qorti tafferma illi r-rikavat mill-bejgħ tad-dar, jekk mhux diġa nqasam, għandu jinqasam bejn it-tliet</u>

[34] A fol 632 *et seq* tal-proċess
[35] Para (iv) a fol 674 tal-proċess
[36] A fol 701 tal-proċess
[37] A fol 651 tal-proċess

aħwa Camilleri / Ciangura fi kwoti ndaqs bejniethom, b'dana illi kull wieħed mill-partijiet fil-kawża jieħu terz (1/3) tar-rikavat.

## ii. Fiat 500 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBT 884

66. Mhux kontestat illi din il-vettura kienet tintuża mill-konvenut Christopher Camilleri u martu. Madanakollu, l-istess konvenut u martu jsostnu illi, wara li miet missierhom, użaw il-vettura għal tliet xhur, u rritornawha quddiem id-dar ta' missierhom hekk kif ir-rikorrenti bdiet issostni illi hija kellha problema bil-fatt illi l-vettura kienet qed tintuża minn ħuha, f'Diċembru 2020[38];

67. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti tgħid illi l-vettura ġiet ritornata minn Christopher Camilleri wara sitt xhur, u li nġabret fil-garaxx fis-27 ta' Marzu 2021[39];

68. Stephen Cachia, illi jixhed in rappreżentanza ta' Trasport Malta, jgħid illi fuq din il-vettura hemm bilanċ t'arretrati ta' ħlas ta' liċenzja u *administration fees* illi għadhom ma tħallsux, fis-somma ta' **€878.00**[40], u mill-istess dokument jirriżulta illi l-aħħar liċenzja illi tħallset skadiet fit-30 t'April 2021;

69. Din il-Qorti tirrileva illi gialadarba mhux qed jiġi kontestat illi sar użu mill-vettura wara illi skadiet l-aħħar liċenzja illi kienet imħallsa, m'għandux ikun Christopher Camilleri u/jew Eleanor Camilleri illi jħallsu l-multi pendenti, iżda għandhom ikunu l-eredi kollha fi kwoti ndaqs bejniethom. Għaldaqstant din il-Qorti tqis illi kwalsiasi bilanċ dovut f'liċenzji u *administration fees* minn April 2021 'il quddiem għandhom jitħallsu mill-eredi kollha, fi kwoti ndaqs bejniethom;

---

[38] Vide affidavit ta' **Fleur Camilleri** a fol 564 tal-proċess, u xhieda tal-istess xhud in kontro-eżami a fol 628-629 tal-proċess. Vide wkoll l-affidavit ta' **Chrisopher Camilleri** a fol 520 tal-proċess.
[39] Vide para 77 fl-affidavit ta' **Jacqueline Ciangura** a fol 377 tal-proċess
[40] **Dok SC1** a fol 526-527 tal-proċess

70. F’dak illi jirrigwarda l-vettura nnifisha, il-Qorti rat illi r-rikorrenti ġabet stima tal-valur tal-vettura fis-sena 2020, cioe s-sena illi fiha ġie nieqes Alfred Camilleri, u l-vettura ġiet stmata illi kienet tiswa tmint elef Ewro (€8,000)[41]. Filwaqt illi l-partijiet jidher illi qed jaqblu dwar il-fatt illi l-vettura għandha tinbiegħ, u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet, ir-rikorrenti ssostni illi sehemha għandu jirrifletti terz (1/3) ta’ €8,000, u cioe €2,667, u dan stante illi hija tgħid illi hija insistiet illi l-vettura tinbiegħ illum qabel għada[42], b’dana għalhekk illi hija m’għandhiex tbati kwalsiasi nuqqas fil-valur tal-karozza. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti jsostnu illi huma dejjem riedu qasma bonarja, u in fatti l-ewwel kien Christopher Camilleri illi offra illi jixtri l-vettura għall-prezz ta’ €4,000, sussegwentement ġabu stima tal-vettura f’April 2022 għall-valur ta’ €6,200, u saħansitra anke meta sabu l-bejgħ tad-dar, Christopher Camilleri reġa’ offra li jixtri l-vettura illi kienet fil-garaxx, iżda r-rikorrenti rrifjutat kull opportunita’[43]. Madanakollu, minkejja dan kollu, il-konvenuta Eleanor Camilleri, fl-affidavit tagħha, tgħid illi, *“Jien u ħija Christopher qed naċċettaw l-istima tagħha ta’ Ewro 8,000 sabiex inħaffu”*[44];

71. Fl-ewwel lok, din il-Qorti rat illi l-valutazzjoni miġjuba mir-rikorrenti, għalkemm hija valutazzjoni tal-karozza fl-2020, inġabet fl-għoxrin (20) t’April 2023, cioe xi sentejn u nofs wara li miet Alfred Camilleri, u ma ġietx ġuramentata mid-*dealer* illi ta l-istima;

72. Gialadarba l-partijiet qegħdin jaqblu illi l-vettura għandha tinbiegħ, din il-Qorti temmen illi jkun għaqli illi l-valur jiġi stabbilit aktar viċin id-data tal-bejgħ, stante illi jkun inutli illi din il-Qorti tordna l-bejgħ tal-vettura għal valur illi jibda minn €8,000, meta essenzjalment anke sal-ġurnata tal-lum, dan il-valur lanqas għadu wieħed ġust;

73. Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tinnomina lill-irkantatur Eleno Mamo sabiex jagħti valur lill-imsemmija vettura, u tawtorizza li l-vettura tiġi

[41] **Dok N** a fol 400 tal-proċess
[42] A fol 664 tal-proċess
[43] A fol 706-707 tal-proċess
[44] A fol 464 tal-proċess

rkantata mill-istess irkantatur. L-aħwa Camilleri / Ciangura għandhom jirċievu terz (1/3) mir-rikavat kull wieħed.

### iii. <u>Deheb Varju</u>

74. Waħda mill-ikbar vertenzi bejn il-partijiet fil-kawża odjerna kienet bla dubju dwar id-deheb illi kellhom id-defunti konjuġi Camilleri. Dan stante illi m'hemmx qbil bejn ir-rikorrenti u l-konvenuti dwar l-ammont ta' deheb u ġojjelli illi kellhom il-ġenituri tagħhom. Infatti, tul il-kawża din il-Qorti rat illi saru diversi allegazzjonijiet, kemm mir-rikorrenti fil-konfront tal-konvenuti, kif ukoll vice versa, ta' tbagħbis fl-assi tad-defunti u serq tal-istess, liema allegazzjonijiet din il-Qorti ħadet l-impressjoni illi qed jiġu ndirizzati wkoll fi proċeduri penali separati[45];

75. Din il-Qorti tibda billi tagħmel is-segwenti punti illi rriżultawlha mill-atti:

(a) Jidher illi hemm qbil dwar l-istima tad-deheb esebita mill-partijiet konġuntivament a fol 415 tal-proċess, għal valur b'total ta' **€8,328**. Din l-istima tkopri brazzuletta tad-deheb (€3,353), ċurkett tad-deheb (€960), ċurkett ieħor tad-deheb (€1,040), ċurkett tad-deheb b'iljun (€550), *pocket watch* u polka (€1,050), ġiżirana tad-deheb (€1,095) u brazzuletta tad-deheb (€280);

(b) Il-partijiet qed jaqblu fuq il-pjan ta' qasma mħejji mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, u cioe:

*Valur Totali tad-Deheb* **€ 8,328**
*Kull eredi għadu sehem ta'* **€ 2,776**

**Lot 1**
*Brazzuletta* € 3,353
*Ekwiparazzjoni ta'* € 288.50 lil Lot 2 u € 288.50 lil Lot 3

[45] Vide risposta tar-rikorrenti għar-rikors tal-konvenuti tat-13 ta' Marzu 2024, a fol 580 tal-proċess

**Total: € 2,776**

**Lot 2**

*Ċurkett* € 960

*Ċurkett* € 1,040

*Brazzuletta* € 280

*Ekwiparazzjoni ta'* € 248 mingħand Lot 1 u € 248 mingħand Lot 3

**Total: € 2,776**

**Lot 3**

*Ċurkett* € 550

*Pocket Watch u Polka* € 1,050

*Ġiżirana* € 1,095

*Ekwiparazzjoni ta'* € 40.50 mingħand Lot 1 u € 40.50 mingħand Lot 2

**Total: € 2,776**

Il-partijiet qablu wkoll illi kull lot jiġi assenjat skont tlugħ tal-polza;

(c) Apparti dan id-deheb, jirriżulta mill-atti illi, qabel inbiegħet id-dar, instabu wkoll disa' arloġġi illi kienu jappartjenu lil Alfred Camilleri[46], liema arloġġi ma ġewx valutati. Il-konvenuti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, jgħidu illi l-partijiet qablu illi dawn l-arloġġi jitilgħu bil-polza mingħajr ma jiġu valutati[47]. Ir-rikorrenti tonqos milli tindirizza l-pretensjonijiet tagħha f'dan ir-rigward fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha;

(d) Ir-rikorrenti tikkontendi illi hemm oġġetti oħra illi kienu jeżistu imma baqgħu ma nstabux, u cioe: ġiżirana ħoxna tad-deheb solidu b'midalja ta' San Bastjan, par *cufflinks*, ċurkett tat-tieġ u tal-għerusija, ċurkett taż-żwieġ tad-deheb imdendel ma' katina tad-deheb, sett ta' ġiżirana u par imsielet tad-deheb, sett ta' ħaġar prezzjuż konsistenti f'ġiżirana, par imsielet, brazzuletta u ċurkett, brazzuletta tad-deheb bil-qalb, *broach*

[46] Vide **Dok X** anness man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, a fol 725 tal-proċess
[47] A fol 700 tal-proċess

tad-deheb bi stampa ta' mara, par imsielet tad-deheb bil-perla, u *musical jewellery box*. Hija qed titlob illi din il-Qorti tikkonsidra l-valur ta' dan id-deheb u tnaqqsu minn sehem il-konvenuti f'somma illi tasal għaliha *arbitrio boni viri*;

76. Fl-ewwel lok, gialadarba jidher illi hemm qbil dwar l-istima u l-assenjazzjoni bit-tlugħ tal-polza, din il-Qorti sejra tordna illi d-deheb hekk likwidat u mqassam f'lottijiet, jiġi assenjat bix-xorti;

77. Fit-tieni lok, f'dak illi jirrigwarda d-deheb illi allegatament ġie nieqes mid-dar tal-konjuġi Camilleri, din il-Qorti rat illi għalkemm jidher illi kienet il-konvenuta Eleanor Camilleri illi kienet tirrisjedi f'din id-dar, kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-konvenuti kellhom aċċess għall-istess dar[48]. Inoltre, filwaqt illi r-rikorrenti ssostni illi hija fittxet u sabet id-deheb nieqes, il-konvenuta ssostni illi sabet basket bil-ġojjelli t'ommhom illi missierha għaddihom lir-rikorrenti, liema basket ir-rikorrenti tgħid illi qatt ma rat. Il-Qorti rat ir-ritratti esebiti mir-rikorrenti a fol 387 sa 389 tal-proċess; madanakollu, din il-Qorti hija sprovvista minn prova aktar konkreta tal-valur tal-oġġetti tad-deheb illi jidhru fir-ritratti u mhux elenkati fil-lista, kif ukoll tal-eżistenza tal-istess oġġetti mal-mewt tal-konjuġi Camilleri. Infatti, hija r-rikorrenti stess illi tgħid illi, mill-1999 'il quddiem, ma reġgħetx rat id-deheb t'ommha[49]. Jingħad ukoll illi l-allegazzjonijiet kunfliġġenti magħmula mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin ma ġew konfortati bl-ebda prova illi tista' twassal lil din il-Qorti tiddeċiedi favur parti jew oħra. Dan aktar u aktar meta jiġi kunsidrat illi r-ritratti esebiti huma ritratti antiki, u ma nġabet l-ebda prova illi l-istess oġġetti kienu, mill-inqas, għadhom fil-pussess ta' Alfred Camilleri mal-mewt tiegħu;

78. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tistax, b'konvinzjoni morali, tadotta r-regola tal-*arbitrio boni viri* u takkorda kumpens għal deheb allegatament nieqes lil parti jew lil oħra. Se mai, jekk eventwalment jinstab deheb ieħor illi kien pertinenti lill-konjuġi Camilleri, jew jirriżulta mill-

[48] A fol 557 tal-proċess
[49] A fol 557 tal-proċess

proċeduri penali pendenti illi kien hemm xi tbagħbis minn xi parti f'dil-kawża fl-assi tad-*decujus*, din il-Qorti tirriserva minn issa kwalsiasi dritt illi jista' jkollha xi parti għal kumpens mingħand il-partijiet l-oħra jew min minnhom, u għal kull buon fini tordna wkoll illi kwalunkwe deheb illi jista' jinstab jiġi valutat, mibjugħ, u r-rikavat maqsum bejn it-tliet aħwa fi kwoti ndaqs bejniethom skond il-każ.

### iv. Għamara u Mobbli Varji ta' ġod-Dar

79. Dwar l-immobbli illi kien hemm fid-dar matrimonjali tal-konjuġi Camilleri jidher illi m'hemmx kontestazzjoni, stante illi l-partijiet jaqblu illi l-għamara qed tinbiegħ u r-rikavat tagħhom qed jinqasam ugwalment bejn il-partijiet[50];

80. Jidher illi hemm kontestazzjoni dwar arloġġ li kien fid-dar matrimonjali tal-konjuġi Camilleri u llum jinsab fil-pussess tal-konvenuta Eleanor Camilleri. Dwar dan l-arloġġ, Eleanor Camilleri tgħid, *"Ommi qabel mietet kienet diġa qaltli li dak għalik u missieri ried li nieħdu jien ukoll, għax kien jaf li jogħġbuni l-affarijiet antiki. Dan l-arloġġ li qed nitkellmu fuqu għandu valur sentimentali u ma jqumx aktar minn Ewro 200. Meta missieri tahuli dan għamlu quddiem ħija Christopher."*[51] Christopher Camilleri, imbagħad, fl-affidavit tiegħu, jgħid illi huwa jaqbel ma' dak illi qalet Eleanor Camilleri, iżda ma jelaborax dwar l-arloġġ in kwestjoni;

81. Din il-Qorti rat illi ma nġabet ebda prova, għajr il-kelma ta' Eleanor Camilleri, b'mod ġenerali konfermata minn Christopher Camilleri, illi l-arloġġ kien ngħata b'donazzjoni. Inoltre, din il-Qorti rat ukoll illi ma ġiex kontestat illi Eleanor Camilleri l-arloġġ ħaditu wara l-mewt ta' missierha, u mhux meta allegatament qalilha illi tista' tieħdu. Din il-Qorti mhix għalhekk konvinta illi l-arloġġ ngħata b'donazzjoni lil Eleanor Camilleri, u hija tal-fehma illi għandu jiġi ritornat lura u jifforma parti mill-assi ereditarji illi qed

[50] A fol 666 tal-proċess u a fol 700 tal-proċess
[51] A fol 465 tal-proċess

jiġu valutati u mibjugħa, bħall-għamara l-oħra kollha, bir-rikavat minnu jinqasam f'ishma ugwali bejn it-tliet aħwa;

82. Finalment, din il-Qorti tinnota illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jallegaw illi kien hemm *grandfather clock* fid-dar illi r-rikorrenti ħadet minn jeddha, liema arloġġ ġie valutat fis-somma ta' € 406. Din il-Qorti rat illi dan l-arloġġ ma ssemma mkien aktar, inkluż fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, iżda tagħmilha ċara illi dan l-arloġġ, gialadarba jifforma parti mill-massa ereditarja kif indikat mir-rikorrenti stess f'**Dok C2** a fol 383 tal-proċess, għandu wkoll jiġi mibjugħ bħalma qed jiġu mibjugħa l-oġġetti mobbli l-oħra, bir-rikavat minnu jinqasam bejn l-aħwa fi kwoti ndaqs bejniethom.

### v. Flus

83. Il-vertenzi bejn il-partijiet f'dan ir-rigward jikkonsistu f'żewġ (2) elementi:

- Iċ-ċekk BOV 1984 fis-somma ta' € 4,850 depożitat minn Eleanor Camilleri fil-kont bankarju tagħha stess;

- Il-*withdrawals* magħmula minn Christopher Camilleri mill-kont bankarju tal-BOV 11502863077[52] bejn Awwissu u Diċembru 2020;

84. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda **ċ-ċekk BOV 1984**, l-intimata Eleanor Camilleri ssostni illi dan iċ-ċekk ngħata lilha minn missierha biex issarrfu bħala kumpens ta' kemm ħadet ħsiebu lejn l-aħħar ta' ħajtu, *inter alia*, billi għamlet spejjeż għall-kura tiegħu u ħadet xahrejn *unpaid leave* fi żmien illi fih kellha *loan* xi tħallas[53]. Din il-Qorti taraha kemmxejn stramba illi ċ-ċekk issarraf preċiżament l-għada illi ġie nieqes Alfred Camilleri, iżda rat ukoll illi ġie ampjament pruvat illi Eleanor Camilleri, kemm peress illi taħdem bħala *nurse*, u kif ukoll peress illi kienet tgħix ma' missierha, kienet dik illi ħadet l-aktar ħsiebu lejn l-aħħar ta' ħajtu. Infatti ġew esebiti numru ta'

[52] A fol 56-57 tal-proċess
[53] A fol 467, 604 u 712 tal-proċess

riċevuti a fol 484 *et seq* tal-proċess maħruġa f'isimha għal servizzi u prodotti illi hija xtrat għall-kura ta' missierha, u r-rikorrenti stess, fl-affidavit tagħha, tgħid illi kienet oħtha l-konvenuta illi kienet tamministra l-mediċina lil missierha. Din il-Qorti għalhekk ma tqisx illi s-somma hekk depożitata għandha tiġi rifuża mill-istess konvenuta;

85. F'dak illi jirrigwarda l-***withdrawals*** magħmula mill-konvenut Christopher Camilleri, l-ewwelnett din il-Qorti tinnota illi Christopher Camilleri stess iddikjara quddiem din il-Qorti illi huwa lest jirrifondi sehem ir-rikorrenti u l-konvenuta l-oħra mis-somma ta' €4,000 miġbuda mill-kont intestat f'isem missieru, liema somma nġibdet fi tmien (8) pagamenti ta €500. Madanakollu, ir-rikorrenti ssostni illi din hija parti minn somma ikbar miġbuda mill-konvenut Christopher Camillier, u tippretendi wkoll rifużjoni ta' sehemha mill-ispejjeż l-oħra magħmula waqt dan il-perjodu. Din il-Qorti, iżda, la taqbel mas-somma illi waslet għaliha r-rikorrenti, u lanqas mas-somma illi wasal għaliha l-konvenut. Filwaqt illi l-Qorti lesta temmen illi x-xirja magħmula min-negozji *Guido Vella Cash & Carry*, *8 till Late* u mingħand l-ispiżjar kienu xirjiet minn jew għan-nom ta' Alfred Camilleri, din il-Qorti mhix konvinta illi l-ispejjeż magħmula f'M. F. Company Limited u Ray's Shopping Centre kienu jikkonsistu f'xirjiet magħmula minn jew għan-nom ta' Alfred Camilleri. Din il-Qorti għalhekk qis illi dawn l-ispejjeż, konsistenti fis-somma globali ta' € 114.40 għandhom ukoll jiġu rifużi minn Christopher Camilleri. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tordna illi Christopher Camilleri għandu jirrifondi s-somma globali ta' € 4,114.40 lill-massa ereditarja, liema somma għandha tinqasam bejn it-tliet aħwa fi kwoti ndaqs bejniethom;

86. Jidher ukoll illi għad fadal kont bankarju miftuħ, cioe l-**kont bankarju bin-numru 11507678021**, illi minnu Alfred Camilleri kellu sehem wieħed minn erbgħa (1/4), stante illi l-istess kont jgħajjat lil Alfred Camilleri u t-tliet ħutu l-oħra[54]. Il-partijiet qegħdin jaqblu illi l-kont jiġi magħluq, u sehem Alfred Camilleri minn dan il-kont jiġi żbankat u diviż bejn it-tliet aħwa fi kwoti ndaqs

[54] *Statement* esebit bħala **Dok JB3** a fol 64-65 tal-proċess

bejniethom. Jidher illi saħansitra lanqas ħut Alfred Camilleri m'għandhom oġġezzjoni għal dan, stante illi, mistoqsi dwar dan il-kont, John Camilleri jixhed illi dan il-kont huwa preżentement blokjat mill-bank minħabba l-kwestjoni odjerna, u *"Aħna għandna bżonnu wkoll għax kieku noħduhom, aħjar, għax nagħmluhom b'kont u nieħdu minnhom u neħilsu minnhom."*[55] Din il-Qorti sejra qiegħda għalhekk tordna illi l-kont bankarju mal-Bank of Valletta plc bin-numru 11507678012 jiġi magħluq, u sehem Alfred Camilleri mill-istess kont maqsum bejn it-tliet aħwa Jacqueline Ciangura, Christopher Camilleri u Eleanor Camilleri fi kwoti ndaqs**.**

**vi. Kirja tal-Garaxx**

87. Bi skrittura datata l-ewwel (1) ta' Lulju 2009[56], is-soċjeta' Camilleri Brothers Limited kriet lis-soċjeta' Cambros Limited il-garaxx b'żewġ uffiċini fuqu u bejt, flimkien ma' żewġ *showrooms* adjaċenti għall-istess garaxx. John Camilleri, Direttur tas-soċjeta' Camilleri Brothers Limited, jixhed illi l-kirja titħallas lill-aħwa Camilleri ta' Camilleri Brothers Limited xahar iva u xahar le, stante illi mill-istess kirja *"Irridu nħallsu l-VAT return, it-taxxa, irridu nħallsu l-awditur, irridu nħallsu il-company registration fee. Issa b'dawn kollha jiġifieri jekk inħallsu id-dividends ukoll, ma jkollniex, ma jservux."*[57] Mistoqsi min qed jirċievi l-parti mill-kirja illi kienet tiġi perċepita minn Alfred Camilleri, John Camilleri jgħid illi tingħata lill-eredi[58], cioe l-partijiet f'din il-kawża;

88. Din il-Qorti rat illi l-partijiet qablu illi l-kirja fuq din il-proprjeta', in kwantu tirrifletti sehem Alfred Camilleri, għandha tibqa' tiġi perċepita minnhom *qua* eredi tal-istess Alfred Camilleri, u għaldaqstant, għall-fini ta' kjarezza, sejra tordna illi il-kirja suriferita, in kwantu tirrifletti sehem Alfred Camilleri, għandha tibqa' tiġi perċepita mir-rikorrenti u ħutha, *qua* eredi ta' missierhom, fi kwoti ndaqs bejniethom.

[55] A fol 367 tal-proċess
[56] **Dok X1** a fol 437 tal-proċess
[57] A fol 434 tal-proċess
[58] A fol 433 tal-proċess

### vii. Polza tal-Assikurazzjoni

89. Shanaia Calleja, in rappreżentanza ta' Mapfre MSV Life, xehdet illi l-polza tal-assikurazzjoni bir-referenza numru FP453348 kienet inizjalment ħarġet fuq *policy owners* John u Alfred Camilleri, u llum il-benefiċjarji huma Alfred Camilleri, John Camilleri, Francis Camilleri u Joseph Camilleri fi kwoti ndaqs bejniethom. Din il-polza fadlilha sas-sena 2030 sabiex timmatura[59], iżda t-titolu illi kellu Alfred Camilleri fuq il-polza diġa jidher illi ġie trasferit f'isem il-partijiet f'din il-kawża[60]. Ix-xhud ma xehditx dwar il-possibilita' illi jiġi likwidat sehem Alfred Camilleri biss;

90. Din il-Qorti rat illi l-partijiet qed jaqblu illi sehem id-defunt Alfred Camilleri f'din il-kawża jiġi likwidat u maqsum bejn it-tliet aħwa fi kwoti ndaqs bejniethom, u din il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi mill-qbil illi waslu għalih il-partijiet. Madanakollu, din il-Qorti hija sprovvista minn informazzjoni dwar jekk hux possibbli illi dan isir, u għaldaqstant sejra tordna illi, fil-każ illi mhux possibbli illi sehem id-defunt Alfred Camilleri jiġi likwidat u maqsum bejn il-partijiet f'din il-kawża f'dan l-istadju, din il-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni ta' sehem Alfred Camilleri mill-polza tal-assikurazzjoni bir-referenza numru FP453348 issir hekk kif timmatura l-istess polza.

### viii. *Shares* fis-soċjeta' Camilleri Brothers Limited

91. Filwaqt illi l-ishma fis-soċjeta' Camilleri Brothers Limited illi kienu jappartjenu lil Alfred Camilleri inqasmu, fil-maġġor parti tagħhom, bejn it-tliet aħwa fi kwoti ndaqs bejniethom, jidher illi fadal żewġ *preference shares* u *ordinary share* wieħed illi għadhom iridu jiġu assenjati. Skont stima redatta minn Miguel Zammit Tabona, esebita mill-konvenuti iżda mhux kontestata mir-rikorrenti, il-*preference shares* għandhom valur ta'

---

59 A fol 308 tal-proċess
60 A fol 331 tal-proċess

€2.329373 (valur reali ta' €4.66), filwaqt illi l-*ordinary share* għandha valur ta' € 2.329373 (valur reali ta' €1,134.05)[61];

92. Din il-Qorti rat illi r-rikorrenti qed titlob illi *"dak is-sehem li fadal għandu jiġi assenjat lilha, u dana bħala tpattija ta' kemm ħadu u akkwistaw ħutha mill-ġid formanti l-wirt tal-ġenituri tagħhom a skapitu tal-esponenti"*[62]. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti ma jaqblux, u jsostnu illi dan is-sehem għadu jiġi assenjat bit-tlugħ tal-polza, u jkun hemm ekwiparazzjoni minn min jitla' fis-sehem fil-konfront ta' ħutu[63];

93. Din il-Qorti, wara illi rat id-dinamika bejn l-aħwa, il-fatt illi kemm naħa u kif ukoll l-oħra għamlet allegazzjonijiet serji illi ma ġew sostanzjati bl-ebda prova konkreta iżda provi illi jistgħu jitqiesu illi huma *circumstantial at best*, ma tqisx illi jkun ġust illi r-rikorrenti tiġi assenjata s-sehem li fadal, iżda tqis illi jkun għaqli illi dan is-sehem jiġi assenjat lil wieħed / waħda mill-aħwa bit-tlugħ tal-polza, b'ekwiparazzjoni fil-konfront taż-żewġ aħwa l-oħra kif suġġerit mill-konvenuti.

## D. Spejjeż Ġudizzjarji

94. Kull parti ssostni illi hija kienet lesta tasal għal diviżjoni bonarja, u li kien per kawża ta' inadempjenza u stultifikazzjoni da parti tal-parti l-oħra illi kellha tinfetaħ il-kawża odjerna;

95. Din il-Qorti, iżda, b'kuntrast ma' dak sostnut mill-partijiet, hija tal-fehma illi kienet il-pika u d-diversi diżgwidi bejn l-aħwa illi wasslu sabiex tiġi intavolata l-kawża odjerna. Din il-Qorti rat kif kien hemm mumenti fejn il-partijiet kienu kważi waslu għal ftehim, biex parti jew oħra reġgħet biddlet fehemtha u stultifikat il-proċess kapriċċ, jew b'allegazzjonijiet mhux sostanzjati. Dan sabiex effettivament, fl-aħħar mill-aħħar, irriżulta lil din il-

[61] **Dok MZT** a fol 607 *et seq* tal-proċess
[62] A fol 667 tal-proċess
[63] A fol 690 tal-proċess

Qorti illi l-partijiet kienu finalment qed jaqblu dwar diversi aspetti fil-modalita' illi biha kellha ssir id-diviżjoni;

96. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi jkun ġust u ekwu illi l-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu wkoll bejn il-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom, b'dana illi kull parti tħallas terz (1/3) tal-ispejjeż ġudizzjarji.

**Decide**

97. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>**, u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-miżżewġin konjuġi Sebastiana u Alfred Camilleri billi tiġi dikjarata li tikkonsisti f'dawk il-beni u assi indikati fis-sezzjoni *"B. Il-Massa Ereditarja"*;

ii. **<u>Tilqa' t-tieni, it-tielet u l-ħames talbiet</u>**, billi tillikwida, taqsam u tassenja l-assi partikolari tal-konjuġi Sebastiana u Alfred Ciangura bejn il-partijiet skont il-modalita' spjegata fis-sezzjoni *"C. Diviżjoni u Assenjazzjoni"*;

iii. **<u>Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba</u>**, stante illi ġiet sorvolata meta l-immobbli ġiet mibjugħa fil-mori tal-kawża;

iv. **<u>Tilqa' s-sitt talba</u>** billi taħtar lin-Nutar Luke Caruana sabiex itella' l-polza fejn applikabbli permezz ta' liema kull parti tiġi assenjata sehem kif indikat fis-sezzjoni *"C. Diviżjoni u Assenjazzjoni"* f'din is-sentenza, u jgħaddi sabiex jippubblika l-att relattiv fir-rigward ta' porzjonijiet imsemmija u l-assenjazzjoni tagħhom fi żmien tliet xhur mid-data illi fiha din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u taħtar lill-Avukat Dr Benjamin Valenzia bħala kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt u għal dak kollu li hemm bżonn li jsir in konnessjoni mad-diviżjoni li hi mertu tal-kawża;

v. **<u>Tilqa' s-seba' u tmien talba</u>** u tinnomina lin-Nutar Luke Caruana sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni, u lill-Avukat Dr Benjamin Valenzia bħala kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**